MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tat-22 ta' April, 2015

Numru. 90/2008

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jesmond J. Borg)**

**vs**

**Godwin Spiteri**

**(ID 2174(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Godwin Spiteri ta’ 42 sena, bin Carmel u Rose nee` Delia, imwieled Pieta` nhar it-8 ta’ Awwissu 1965, residenti 5, Triq Gan Frangisk Abela, Birgu, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 2174(M);

Akkuzat talli fi Triq il-Kbira, Qormi, nhar is-6 ta’ Novembru 2007, ghall-habta tal-11.00 a.m., kif ukoll fil-hinijiet ta’ qabel, fi bnadi ohra f’Malta:

1) Kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-raba’ u s-sitt Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u meta ma kienxqq b’xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema droga instabet f’tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

2) Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-raba’ u s-sitt Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema droga instabet f’tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

3) Aktar talli sar recidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) preseduta mill-Magistrat Dr. Noel Cuschieri nhar is-7 ta' Mejju 2002, liema sentenza giet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell nhar id-9 ta' Settembru 2002, hija definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat ukoll fis-seduta tal-15 ta' April 2013, il-partijiet iddikjaraw illi kienu qeghdin jezentaw lill-Qorti, kif preseduta, milli terga' tisma' l-provi mressqa f'din il-kawza sa dakinhar, quddiem il-Qorti, kif diversament preseduta;

Semghet trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

**Kunsiderazzjonijiet dwar Htija**

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghal dan il-kaz kienu s-segwenti: Nhar is-6 ta' Novembru 2007, ghall-habta tal-11.00 a.m., waqt li PC 345 Mark George Cremona u PC 729 Kevin Matthew Decelis kienu qeghdin jaghmlu *patrols* gewwa l-*area* ta' Hal Qormi, huma nnutaw lill-imputat gewwa vettura tal-

marka ABG 887 *Toyota Tercel* bajda u stante illi gihom suspett, l-imputat gie mwaqqaf u ghamlu tfittxija fl-istess vettura, fejn sabu seba' pakketti tas-sigaretti, li fuqhom ma giex imhallas dazju u disa' *sachets* b'sustanza bajda u kannella, li kienu jinsabu f'*keychain* f'forma ta' bott tal-*Heineken*, liema *keychain* kienet tinsab ma' mazz cwievet li kellu l-imputat.[1] Skond ir-rapport esebit minn PS 1557 Jeffrey Sacco, li spjega li kien xhud tal-istess rapport u li PC 345 u PC 729 kienu waqqfu vettura gewwa Hal Qormi li fiha kien hemm l-imputat u li dakinhar stess kienu marru gewwa l-Ghassa ta' Hal Qormi sabiex jaghmlu rapport, mit-tfittxija fuq il-persuna tal-istess imputat, l-imsemmija l-pulizija sabu kartiera sewda li kienet tikkontjeni s-somma ta' Lm93 fi flus kontanti – ossia tminn karti tal-Lm10, karta tal-Lm5 u erba' karti taz-Lm2 u l-karta tal-identita` tieghu u sabu wkoll sett ta' erba' cwievet ma' *keychain* ta' bott tal-*Heineken*, li kien jikkontjenu disa' *sachets* b'sustanza suspettuza u zewg *mobile phones*. Mill-vettura tieghu, l-pulizija elevaw ukoll seba' pakketti tas-sigaretti minghajr dazju.[2]

Skond ix-xhieda tal-Ispettur Jesmond J. Borg[3], l-imputat ghall-ewwel beda jinnega l-involviment tieghu fid-droga, izda ftit wara ddecieda li jikkopera u rrilaxxja stqarrija. L-istqarrija tal-imputat fil-fatt tinsab esebita a fol. 14 *et seq* tal-process, liema stqarrija huwa rrilaxxjaha nhar is-6 ta' Novembru fis-7.00 p.m. u dan wara li huwa nghata s-solita twissija li kellu d-dritt li jibqa' sieket, izda dak li jghid jista' jingieb bhala prova. L-imputat iffirma wkoll l-istess stqarrija.[4] Fil-mori ta' dawn il-proceduri, l-imputat ghazel li jixhed.[5]

Mir-relazzjoni tal-Ispizjar Mario Mifsud[6], jirrizulta illi d-dokumenti li huwa nghata ghall-analizi kienu s-segwenti: *keychain* ta' bott tal-birra 'Heineken' li go fih kien hemm erbat iqratas tal-karti, immarkati bl-ittra 'K', bi trab ta' lewn abjad, qartas wiehed tal-karti bla marka li go fih kien hemm ukoll trab ta' lewn

[1] Ara xhieda ta' PC 729 Kevin Decelis (a fol. 19 *et seq* tal-process) u x-xhieda ta' PC 345 Mark Cremona (a fol. 26 *et seq* tal-process).
[2] Ara r-rapport a fol. 36 *et seq* tal-process.
[3] A fol. 11 *et seq* tal-process.
[4] A fol. 14 *et seq* tal-process.
[5] A fol. 52 *et seq* tal-process.
[6] Esebit a fol. 31 tal-process.

abjad u erbat iqratas tal-karti, immarkati bin-numru '5', li fihom kien hemm trab ta' lewn kannella. Skond l-istess relazzjoni:

a) Fit-trab abjad li kien hemm fil-hamest iqratas tal-karti, instabet is-sustanza kokajina u li l-piz nett totali tat-trab abjad kien ta' 0.793 grammi. Il-purita` medja tat-trab ghas-sustanza kokajina kienet ta' cirka 41.3%.

b) Fit-trab kannella li kien hemm fl-erbat iqratas tal-karti, instabet fih is-sustanza herojina u li l-piz nett totali tat-trab kien ta' 0.551 grammi. Il-purita` medja tat-trab ghas-sustanza erojina kienet ta' cirka 36.1%.

Mill-istess relazzjoni, jirrizulta wkoll illi l-qratas bis-sustanza kokajina kellhom is-segwenti pizijiet: 0.137g, 0.142g, 0.151g, 0.222g u 0.141g. Il-qratas bis-sustanza erojina kellhom is-segwenti pizijiet: 0.136g, 0.117g, 0.174g, 0.124g.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi m'hemmx dubbju illi fil-jum in kwistjoni, l-imputat instab fil-pussess ta' disat iqratas bid-droga – erbat iqratas bl-eroina u hamest iqratas bil-kokaina. Dan jammettih ukoll l-istess imputat, kemm fl-istqarrija rilaxxjata minnu, kif ukoll fix-xhieda tieghu. Madankollu l-imputat jghid illi din id-droga kienet intiza ghall-uzu esklussiv tieghu. Dak li qed jigi kkontestat mid-difiza, ghalhekk m'huwiex il-pussess tal-istess droga, izda l-pussess tal-istess bl-aggravanti.

Kif gie ritenut fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Mejju 2005, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Marius Magri**:

*"Illi dawn il-kazijiet mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta` biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienitx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spaccjata. Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni w a bazi*

*tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, ossia cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz tkun bizzejjed."* U kif inghad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-2 ta' Settembru 1999, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmel Spiteri**, "*meta l-ammont ta' droga ikun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa lill-qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati*".

Illi pero` kif intqal ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha tat-23 ta' Mejju 2002, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Brian Caruana**, "*kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar hija wahda li jrid jaghmilha l-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule"x'inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi w mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-konkluzjoni li jkun wasal ghaliha il-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika w l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzzjoni possibbli*".

Illi meta wiehed jifli l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat u x-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri, mill-ewwel jinnota nuqqas ta' konsistenza fiz-zewg verzjonijiet u li l-imputat fil-fatt biddel il-verzjoni li huwa kien ta fl-istqarrija tieghu, f'certi aspetti, meta huwa ddepona quddiem din il-Qorti. Fil-fatt, fl-istqarrija tieghu, l-imputat jghid li "*bhalissa ma nahdimx*"[7], izda fix-xhieda tieghu, huwa jghid illi dak iz-zmien huwa kien jahdem billi kien ibajjad u jiksi[8] minghajr ktieb[9]. Kemm fl-istqarrija tieghu, kif ukoll meta xehed, l-imputat qal illi dak iz-zmien, huwa kien ilu jabbuza mid-droga ghal madwar sitt snin u li fil-jum in kwistjoni, huwa kien mar gewwa Hal Qormi u xtara disa' pakketti mhallta bejn kokaina u eroina. Skond l-istess imputat, huwa l-ewwel kien jiehu l-kokaina u mbaghad

[7] A fol. 14 tal-process.
[8] A fol. 54 tal-process.
[9] A fol. 57 tal-process.

kien jiehu l-eroina u dan ghaliex kienu jabqduh id-dwejjaq jekk ma jiehux l-eroina wara l-kokaina.

Fl-istqarrija tieghu, l-imputat jghid illi huwa kien xtara din id-droga bil-prezz ta' Lm140, li l-kokaina kien jixtriha bil-prezz ta' Lm15 jew Lm20 u l-eroina kien jixtriha bil-prezz ta' Lm10 jew Lm5, skond xi jkollu l-fornitur tieghu. Huwa kkonferma wkoll illi l-pakketti bil-marka 'K' kienu kokaina, il-pakketti li kellhom '5' fuqhom kienu eroina u jiswew Lm5 il-pakkett u l-pakkett li ma kellux marka, suppost li kien ukoll fih il-kokaina. Mistoqsi dwar l-ammonti ta' droga li kien jabbuza kuljum, fl-istqarrija tieghu, l-imputat jghid illi dan kien jiddependi minn kemm kien ikollu flus biex jixtri. Jghid ukoll illi huwa ghandu zewgt itfal u ma tantx jaffordja juza hafna droga, izda meta kien jixtri, kien jaghmel dan f'daqqa biex ma joqghodx jinzel kuljum. Dakinhar kellu bizzejjed flus biex jixtri d-disa' pakketti li sabulu l-pulizija. Kien jinzel jixtri d-droga minn Hal-Qormi skond meta kien ikollu l-flus, jekk ma jkollux flus kien jara ma' min ser jixxerja d-droga u l-izjed li kien jinzel Hal-Qormi kien sabiex jinqeda, ghaliex il-bqija ma kellux ghalfejn jersaq l'hemm.

Fix-xhieda tieghu, imbaghad, l-imputat jghid illi dakinhar huwa kellu Lm140 u bihom xtara l-kokaina u l-eroina li nstabu fuqu, li huwa kien jixtri bil-piz jew bil-pakkett skond x'kien ikollu l-fornitur tieghu u skond kemm kien ikollu flus. Qal illi dakinhar huwa kien xtara d-droga filghodu, qabel ix-xoghol, ghaliex id-droga kien jehodha filghaxija u li heba d-droga fil-*keychain.* Qal illi d-droga li nstabet fil-pussess tieghu, kienet ser isservih ghal dakinhar biss u li kien jehodha kollha f'darba u li fuqu dakinhar kellu s-somma ta' Lm140. Qal illi kien il-fornitur tieghu li tah id-droga fi qratas ghaliex ghalkemm huwa mar biex jixtri bil-piz, dan qallu li kellu biss id-droga f'pakketti u li ma kienx hu li qal lil fornitur tieghu biex iqassam id-droga b'dak il-mod. In kontro-ezami, l-imputat rega' qal illi huwa kien jabbuza mid-droga skond kemm kien ikollu flus, li ma kienx ikollu dejjem l-istess dhul mix-xoghol tieghu, izda gieli qala' Lm400, gieli Lm500 u gieli Lm150, ghalkemm ma specifikax jekk kienx qed jirreferi ghal gimgha jew ghal xahar. Qal illi dejjem kien jiehu b'Lm200, Lm250 jew Lm300 droga fil-gimgha u dan kien jiddependi minn kemm kien jakkwista flus u minn kemm kien jifdallu

ghaliex huwa ghandu familja wkoll. Huwa kien jiehu droga bil-kwantita`, izda dejjem skond kemm kien ikollu flus u jekk ma kienx ikollu flus kien jara x'jaghmel, jiddejjen u jekk jiddejjen, jixtri ftit.

Issa fl-ewwel lok, il-Qorti m'ghandhiex dubju illi l-imputat kellu l-vizzju tad-droga fiz-zmien in kwistjoni, u dan jirrizulta kemm mix-xhieda u l-istqarrija tal-imputat, kif ukoll mis-*Social Inquiry Report* redatt fil-konfront tieghu[10]. Biss dan ma jfissirx necessarjament illi d-droga misjuba fil-pussess tieghu kienet intiza kollha ghall-uzu personali tieghu. Kif inghad fis-sentenzi fuq citati, il-Qorti trid tevalwa c-cirkostanzi kollha li fihom instabet id-droga in kwistjoni u jekk minkejja li jirrizultalha li fl-istess zmien, l-imputat kien jaghmel huwa stess uzu mill-istess droga, tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubju ragjonevoli, a bazi tal-provi li jitressqu quddiemha, illi dak il-pussess tad-droga ma kienx ghall-uzu esklussiv ossia ghall-uzu biss tal-imputat, allura l-Qorti ghandha ssib htija tal-pussess tad-droga bl-aggravanti.

Jirrizulta wkoll minn qari tal-istqarrija u x-xhieda tal-imputat, kif diga` inghad, illi l-istess imputat ma kienx konsistenti fil-verzjonijiet tieghu. Fil-waqt illi fl-istqarrija jghid li dak iz-zmien ma kienx jahdem, fix-xhieda huwa jghid li kien jahdem ghalkemm ma kellux introjtu fiss u fil-waqt illi fix-xhieda tieghu, jghid illi kien jabbuza b'madwar Lm200 jew Lm250 jew Lm300 droga, li kien jakkwista d-droga skond il-flus li kien ikollu u li d-droga li nstabet fil-pussess tieghu kienet intiza biss sabiex jehodha filghaxija stess fil-jum in kwistjoni, fl-istqarrija tieghu, huwa jghid illi ma tantx kien jaffordja juza hafna droga ghaliex huwa kellu zewgt itfal, izda meta kien jixtri, kien jaghmel dan f'daqqa biex ma joqghodx gej u sejjer.

Naturalment, il-Qorti ma tistax issib htija fl-imputat biss minhabba din l-inkonsistenza fil-verzjonijiet tieghu, izda kif inghad, ghandha tezamina c-cirkostanzi kollha tal-kaz sabiex tara jekk dawn jistghux iwassluha ghal sejbien ta' htija dwar l-ewwel zewg imputazzjonijiet fil-grad rikjest mil-ligi.

[10] A fol. 73 *et seq* tal-process.

Jinghad illi l-Qorti ma temminx lill-imputat meta fix-xhieda tieghu, dan jghid illi huwa kien jahdem, izda temmen dak li huwa jghid *a tempo vergine* fl-istqarrija tieghu u cioe` li fiz-zmien in kwistjoni huwa ma kellux impjieg. Ghalkemm l-imputat instab fil-pussess ta' disat iqratas, lkoll ta' pizijiet simili ghall-ahhar, huwa jghid illi ma kienx huwa li qassamhom b'dan il-mod, izda li kien xtrahom hekk u dwar dan mill-atti ma tirrizulta l-ebda prova ohra kuntrarja. Il-Qorti tqis ukoll illi l-imputat ammetta li kien xtara d-droga misjuba bil-prezz ta' Lm140 u in oltre, kif jirrizulta mir-rapport tal-pulizija esebit in atti, fil-kartiera tieghu, huwa kellu s-somma ulterjuri ta' Lm93. L-imputat dakinhar ghalhekk nefaq somma ekwivalenti ghal €326.11 ghad-droga u kellu somma ohra ekwivalenti ghal €216.63 fil-kartiera tieghu. Veru wkoll li huwa kontro-sens li l-imputat jghid fl-istqarrija tieghu illi ma tantx kien jaffordja jixtri droga, li fiz-zmien in kwistjoni ma kellux impjieg u apparti minn hekk kellu zewgt itfal x'imantni, izda mbaghad fl-istess hin jammetti li kien ghadu kif xtara droga bil-prezz ta' Lm140. Izda mill-banda l-ohra ghalkemm din ic-cirkostanza hija ferm suspettuza u tqajjem suspett serju fl-imputat illi d-droga hekk misjuba ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu, il-Qorti tinnota illi fl-istqarrija tieghu, l-imputat fl-ebda mument ma gie mistoqsi jekk per ezempju kienx jippercepixxi beneficcji socjali, u jekk dan kien il-kaz, allura x'kien l-ammont li kien jippercepixxi, kemm kien ilu minghajr impjieg, minn fejn kien gab is-somma ta' Lm140 sabiex seta' jixtri dik id-droga u dwar is-somma l-ohra ta' Lm93 li nstabet fil-kartiera tieghu. Tenut kont li l-ammont ta' droga misjuba fil-pussess tieghu ma kienx ammont li necessarjament jmur lil hinn mill-uzu personali u tenut kont ukoll illi ma ngabet l-ebda prova li turi illi kien l-istess imputat li qassam id-droga fi qratas, apparti li ma nstabux per ezempju xi qratas vojta, mwiezen, ismijiet jew numri tat-telefon jew xi messaggi suspettuzi fuq il-*mobiles* li nstabu fil-pussess tieghu, il-Qorti tqis illi jkun perikoluz li tibbaza sejbien ta' htija ta' pussess bl-aggravanti fuq il-fatt illi l-imputat ma kienx qed jahdem fiz-zmien in kwistjoni u li minkejja dan, huwa xtara d-droga bil-prezz ta' Lm140, meta imbaghad, lanqas ma gie mistoqsi xejn mill-Ufficjal Investigatur dwar din ic-cirkostanza u dwar is-somma ta' Lm93 li nstabet fil-kartiera tieghu, waqt it-tehid tal-istqarrija. Il-Qorti imbaghad lanqas ma tista tasal ghal xi konkluzjoni dwar il-fatt illi l-qratas li kienu jikkontjenu l-eroina kienu mmarkati bin-numri '5' u dawk li kienu jikkontjenu l-kokaina kienu mmarkati bl-ittra 'K', ghaliex dan ma jfissirx

necessarjament illi tali marki kien ghamilhom l-imputat, kif lanqas ma jista jinghad f'dan il-kaz, illi hija cirkostanza suspettuza li l-imputat instab barra bl-istess qratas u dan in vista tal-fatt illi huwa jghid illi kien ghadu kemm xtrahom minn Hal-Qormi, fejn instab, dakinhar stess. F'dan il-kaz, il-Qorti ghandha dak id-dubju li jrid iwassal necessarjament sabiex id-dubju dettat mir-raguni jmur favur l-imputat.

Ghaldaqstant, fil-waqt illi l-Qorti tqis illi l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova l-ewwel zewg imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fil-grad rikjest mil-ligi, biss tqis illi huwa ghandu jinstab hati tal-pussess semplici tad-droga eroina u tad-droga kokaina, liema reati huma komprizi u nvoluti fir-reati mertu tal-ewwel zewg imputazzjonijiet.

Fir-rigward tat-tielet imputazzjoni, imbaghad, ossia dik li tikkontempla l-addebitu tar-recidiva, u dan permezz ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fis-7 ta' Mejju 2002, liema sentenza giet ikkonfermatha mill-Qorti tal-Appell Kriminali permezz ta' sentenza tad-9 ta' Settembru 2002, il-Prosekuzzjoni esebiet sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Godwin Spiteri u Joseph Buhagiar' moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-9 ta' Settembru 2002.[11] Fis-seduta tal-21 ta' Novembru 2011, id-difiza ddikjarat illi kienet qeghda tezenta lill-Prosekuzzjoni milli tressaq il-prova li s-sentenza hekk esebita nghatat fil-konfront tal-imputat. Jirrizulta mill-istess sentenza illi permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tas-7 ta' Mejju 2002, l-imputat kien instab hati tal-pussess tad-droga kokaina bl-aggravanti u gie kkundannat ghal sentejn prigunerija u multa ta' Lm400 u illi l-Qorti tal-Appell Kriminali kkonfermat din is-sentenza. Jirrizulta ghaldaqstant illi l-addebitu tar-recidiva ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 gie ppruvat mill-Prosekuzzjoni fil-grad rikjest mil-ligi.

**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar il-Piena</u>**

[11] A fol. 45 *et seq* tal-process.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni, il-fedina penali tal-imputat kif aggornata sa Novembru tas-sena 2011, skond liema fedina penali, l-imputat instab hati *inter alia* ta' diversi reati kontravvenzjonali, talli kkaguna feriti ta' natura hafifa (f'hames okkazzjonijiet), dwar pussess aggravat tad-droga kokaina u dwar ricettazzjoni.

Qieset ukoll illi l-imputat instab fil-pussess ta' disat iqratas – erbat iqratas bl-eroina bil-piz ta' 0.551 grammi u hamest iqratas kokaina bil-piz ta' 0.793 grammi.

Jirrizulta wkoll mir-relazzjoni tal-Ufficjal tal-*Probation* u mix-xhieda tal-istess Ufficjal tal-*Probation* Matthew Fleri Soler illi huwa kien ilu jsegwi lill-imputat minn Ottubru tas-sena 2010, li matul il-perjodu li fih segwih, l-imputat kien igib ruhu b'mod ezemplari, fejn baqa' f'kuntatt kontinwu kemm mal-istess Ufficjal kif ukoll mal-*key worker* tieghu mill-Agenzija Caritas u li l-kampjuni tal-urina li kien ihalli kienu jirrizultaw fin-negattiv ghall-uzu ta' sustanzi illeciti. Skond ir-relazzjoni tal-istess Ufficjal tal-*Probation*, l-imputat ghamel progress kbir u li fit-tliet snin li huwa ghamel taht supervizjoni, huwa dejjem ghamel hiltu sabiex jirrijabilita ruhu mill-vizzju tad-droga u l-kampjuni tal-urina dejjem irrizultaw fin-negattiv. Sa dakinhar tal-ahhar xhieda li nghatat minn Matthew Fleri Soler, ossia fit-12 ta' Mejju 2014, l-imputat kien ghadu jattendi gewwa l-Caritas sabiex ihalli l-kampjuni tal-urina. Skond ix-xhud, anke meta l-imputat inghata sentenza ta' xoghol fil-komunita`, il-*feedback* li kellu mid-daturi tax-xoghol tieghu, kien wiehed pozittiv hafna.

Tqis ukoll illi b'effett mill-15 ta' April 2015, il-piena wara sejbien ta' htija dwar pussess semplici tad-droga fi kwantita` ta' anqas minn zewg grammi ta' kull droga minbarra d-droga kannabis, ghandha tkun dik stipulata fil-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI u l-Artikolu 22(1)(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Artikoli 17(f), 49 u 50 tal-Kap. 9, ir-Regolament 9 tal-GN 292/1939 u l-Artikolu 4(1) tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta’ Malta, qed issib lill-imputat mhux hati tal-ewwel zewg imputazzjonijiet kif migjuba kontra tieghu, izda qed issibu hati tar-reat ta’ pussess semplici tad-droga eroina kompriz u nvolut fir-reat ikkontemplat fl-ewwel imputazzjoni u tar-reat ta’ pussess semplici tad-droga kokaina kompriz u nvolut fir-reat ikkontemplat fit-tieni imputazzjoni u qed issibu hati wkoll tat-tielet imputazzjoni, u qed tikkundannah ghal **penali komplessiva ta’ mija, hamsa u tmenin Euro (€185)**.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga u s-sigaretti, esebiti bhala Dok. JB2, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *process-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta’ din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Tikkundanna lill-hati ghall-hlas tal-ispejjez konnessi mal-hatra tal-esperti ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u cioe` mal-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-Ispizjar Mario Mifsud ammontanti ghas-somma ta’ erba’ mija u hamsin Euro u tmienja u sebghin centezmu (Eur 450.78), liema somma ghandha tithallas mill-hati fi zmien sitt (6) xhur mil-lum. Fin-nuqqas, din is-somma jew kwalunkwe bilanc rimanenti jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------